MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1868/2005

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**John Mary sive Jimmy Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa` mija u tmienja u disghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm998.51), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, u bl-ispejjes u bl-imghax kif indikati fl-istess Avviz.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa` mija u tmienja u disghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm998.51), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------